MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

John B. Dougall
vs
Telemalta Corporation u b' digriet tal-20 ta' Jannar 2000 zdied il-kliem u Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi meta kien fil-korp tal-pijunieri kien ghamel applikazzjoni li bil-konsegwenza taghha gie maghzul biex jippartecipa f'kors ta' tahrig specjalizzat imniedi min-"Nucleo Telecomunicazioni" tal-missjoni militari Taljana bi thejjija ghal mat-Telemalta.

Illi dan il-kors inbeda fis-6 ta' Settembru 1974 u intemm fis-6 ta' Frar, 1976. Kien minn dak in-nhar li r-rikorrent beda jservi fl-impjieg tat-Telemalta Corporation regolarment li fost ohrajn kien jinvolvi "Shift duties" teknici b'responsabbilitajiet totali fuq apparat li jgorr it-

telekomunikazzjonijiet kollha ma barra minn Malta. L-impjieg tieghu mal-Korp tal-Pijunieri bhala Kapural kien gie dikjarat bhala mitmum fl-20 ta' Settembru 1978.

Illi fis-7 ta' April 1981 wara "trade test" li kien sar fil-15 ta' Ottubru, 1980 ir-rikorrent kien gie nformat li kien sar formalment impjegat tat-Telemalta Corporation fil-grad introduttorju ta' TTI (Telecom. Technician) u dan b'effett mill-1 ta' Settembru 1978.

Illi r-rikorrent dam fil-kariga sudetta sat-18 ta' Marzu 1987 meta gie nformat li sar TOI (Technical Officer I) b'effett mill-1 ta' Ottubru 1986 bl-index no. 6124. Dan wara li fil-11 ta' Ottubru 1986 applika ghall-grade ta' TOI, u TOII.

Illi fil-11 ta' Lulju 1989 ir-rikorrent ghamel applikazzjoni ghall-grad ta' Ufficjal Tekniku III u kif ukoll ghall-Ufficjal Tekniku II skond sejhiet imhabbra fic-cirkolari numru 35/81 u 36/89 rispettivament datati 23 ta' Gunju 1989. Illi r-rikorrent b'rizultat ta' dan li ser jinghad hawn taht sofra trattament differenti:

Illi meta saru l-intervisti, bhal fil-kaz ta' ohrajn li bhalu applikaw kemm ghal TOIII u TOII kien gie intervistat f'darba wahda biss u dan kwantu kien jirrigwarda z-zewg gradi mertu ta' l-applikazzjoni tieghu.

Illi skond iz-zewg skedi ta' punti ottenuti b'rizultat ta' dawn l-intervisti, jidher b'mod car u evidenti li kien hemm puntegg li hu komuni ghall-istess applikant b'hafna mill-kriterji wzati. Jirrizulta wkoll li ghall-kaz ta' TOIII gew imnaqqsa xi punti minn dawk ottenuti ghall-grad ta' TOII.

Illi dawk il-kandidati li gew qabel ir-rikorrent fil-lista tat-TOIII kellhom tnaqqis li jvarja bejn 2 u 10 punti pero' fil-kaz tar-rikorrent it-tnaqqis jawmenta bi 15-il punt. Li kieku dan it-tnaqqis ma kienx jeccedi it-12-il punt allura r-rikorrent kien jintghazel bhala TOIII. Illi ghalhekk dan it-tnaqqis kien arbitrarju u suggestiv ghall-ahhar biex b'hekk apparti li kien ghal kollox diskriminatorju holoq u ta' lok ghall-ingustizzja di fronti tar-rikorrent.

Ghaldaqstant ir-rikorrent ghar-ragunijiet fuq imsemmija talab lil dan t- Tribunal jezercita l-poteri tieghu taht l-Att dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jaghti kull rimedju opportun lir-rikorrent biex tigi rimedjata din l-ingustizzja u dan billi (I) jigi likwidat kumpens li ghandu jithallas (II) jigu aggustati r-"records" tieghu kwanti jirrigwarda s-"seniority" u (III) jigi offrut l-okkazzjonijiet ta' promozzjonijiet necessarji li tilef, inkluz kull privilegg kollaterali jew ancillari maghhom.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

1. Illi l-Korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer II u Technical Officer III kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika ghaz-zewg postijiet. Huwa kien ghadda ghall-grad ta' Technical Officer II u inghata l-grad b'effett mill-5 ta' Gunju 1987, pero' m'ghaddiex ghall-grad ta' Technical Officer III.

3. Fl-applikazzjoni ghall-post ta' Technical Officer III, minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 49 marka. Dawn kienu mqasmin hekk: 5 minn 30 marka ghas-snin ta' servizz; 8 minn 20 marka ta' l-esperjenza; 15-il marka minn 15-il marka ghal kwalifiki; 12 minn 20 marka ghar-risposta fuq mistoqsija teknika; 5 minn 10 marki ghal mistoqsija generali u 4 minn 5 marki ghal personalita`.

4. Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li nies b'esperjenza u kwalifiki anqas minnu inghataw promozzjoni l-intimat irriserva li jwiegeb meta dawn l-allegazzjonijiet jigu specifikati ahjar. F'kull kaz jigi notat li dawn ma kienux l-unici kriterji ta' l-ghazla.

5. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.
Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien ufficjalment impjegat mal-'Maltacom', jew kif kienet maghrufa qabel, 'TeleMalta Corporation', sa mill-ewwel ta' Settembru 1978. Semma li lehaq TOI (Technical Officer 1) f'1987 b'effett lura minn l-1986. Fl-1989, wara li kienu hargu sejhiet ghal applikazzjoni u saru l-intervisti mehtiega, inghataw promozzjonijet fost ohrajn, ghall-gradi ta' TOII u TOIII b'effett lura mill-1987, u r-rikorrent lehaq TOII.

Sostna li gie michud ingustament minn promozzjoni ghall-grad ta' TOIII ghal erba' ragunijet u cioe' ma giex moghti l-marki li verament jisthoqqlu dwar (a) Snin ta' Servizz : 5 minn massimu ta' 30 punt, (b) Esperjenza : 8 minn 20 punt, (c) Hila Teknika: 12 minn 20 punt, u (d) Mistoqsijiet Generali : 5 minn 10 punti.

Semma wkoll li sar rapport minn E.W.Micallef, J.De Gray u C.Farrugia mibghut fit-28 ta' Frar 1991 lic-Chairman tal-Korporazzjoni li fih inkiteb, fost ohrajn, "...Nonetheless, the Commission has come across a number of instances where the holders of job related qualifications do not seem to have been awarded the points they deserved".

Albert Balzan xehed li ghall-habta tal-1989/1990 kien membru fil-Bord ta' l-Ghazla ghall-promozzjonijiet ta' T.O.I, T.O.II u T.O.III. Semma li kandidat jista' jkun kompetenti aktar ghall-ewwel grad milli ghat-tieni grad,

ghall-grad aktar ghola. Semma li meta allokaw il-marki ghamlu r-rapport u tawh lill-Maltacom. Il-marki nghataw skond kif il-kandidat irrisponda dak il-hin waqt l-interview. Mistoqsi dak iz-zmien tal-promozzjonijiet kinitx saret xi pressjoni fuq il-membri tal-Bord biex isiru xi nies partikolari qal li pressjoni le, izda kien hemm min kien kellimhom min-naha tal-GWU, kif ukoll il-Ministru u dawn xi ftit jistghu jinfluwenzaw. Spjega partikolarment il-kriterju ghas-snin ta' servizz kienu allokaw l-marki b'dan il-mod skond kemm il-kandidat kien ilu impjegat mal-Kumpanija. Jekk il-kandidat inghata 5 marki ghas-snin ta' servizz ifisser dan kien proporzjonat maz-zmien li kien ilu mal-kumpanija. Dwar hila teknika semma li kellhom set of questions u staqsewhom lill-kandidati, u skond kif jirrispondu dak il-hin, allokaw il-marka. Qisu l-kriterju ta' l-esperjenza skond ma qalulhom l-kandidati waqt l-interview.

<u>Joseph Bugeja</u> xehed li jahdem mal-Maltacom p.l.c. u l-kariga tieghu llum hija ta' Group Technical Director. Jaf lis-Sur Dougall nafu bhala Tekniku fis-sezzjoni tat-Transmission u li hu kien inkarigat ta' din is-sezzjoni min-1986 san-1992 fis-sens li prattikament f'dan il-perjodu kien l-inginier responsabbli minn din it-taqsima u ghalhekk kien superjur tar-rikorrent. Semma li r-rikorrent ntegra ruhu mill-ewwel f'din is-sezzjoni, u fil-fatt kien metikoluz hafna f'xoghlu, u t-teknologija kien fehemha mill-ewwel.

Xehed <u>Anthony Cassar</u> Head of Department fil-Maltacom u semma li fid-Dipartiment tat-transmission John Dougall jahdem tahtu. Dan id-Dipartiment jiehu hsieb it-telekomunikazzjoni kollha tal-exchanges ma Malta kollha. Dan huwa Dipartiment tekniku hafna. Ix-xoghol ta’ Dougall ir-rikorrent huwa li jiehu hsieb id-daily running kif ukoll jahdem fuq xoghol ta’ complaints li jidhlu kuljum. Bhalissa l-grad tieghu huwa ta’ Technical Executive. Xehed li mill-aspett tekniku x-xoghol tas-Sur Dougall huwa tajjeb hafna, above average mat-TOII l-ohra. Ir-rikorrent kien hemm lok li x-xoghol tieghu jekwivala ghal TOIII.

Xehed <u>Charles Mifsud</u> li jahdem mal-Maltacom b’liaison mas-sezzjoni tad-data bhala Engineer 3. Sar jaf lir-rikorrent bejn l-1991 u 1995 ghax gie assenjat fit-

transmission. Qal li l-kapacita teknika ta' John Dougall kienet tajba hafna, u above average meta komparat ma TOII's ohrajn.

Xehed Martin Zammit li kien ghamel diversi snin jahdem mal-Maltacom u kien responsabbli f'diversi progetti mal-kumpanija. Ghandu degree fl-inginerija, u membru tal-Chamber of Professional Engineers. Semma li John Dougall kien wiehed mit-teknici li kienu jaqghu tahtu f'din is-sezzjoni. Semma li qatt ma kien hemm rapporti negattivi fuqu.

Xehed Joseph Bartolo li fl-1992 kien Direttur tal-Maltacom, u vice-Chairman fin-1996, semma li lir-rikorrent sar jafu kien ghall-bidu tas-snin 70, lejn l-ahhar tas-snin 70. Semma li lir-rikorrent dejjem jiftakru jistudja, dejjem jiftakru jissodisfa l-kriterji necessarji, u bhala persuna reliable. Iddeskriva lir-rikorrent bhala wiehed mill-ahjar teknici li kien hemm fil-Korporazzjoni.

David Buttigieg esebixxa r-rapport tal-Bord tal-Ghazla, ghall-post ta' Technical Officer III, flimkien mal-punteggi li gabu il-kandidati skond l-ordni tal-mertu.

**KONKLUZJONIJIET:**

It-Tribunal gja dahal f'ezami approfondit dwar dan it-tip ta' promozzjonijiet fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet "Joseph Mallia vs Telemalta Corporation" deciza fis-6 ta' Novembru, 2001 fejn qal:

**"Allokazzjoni Generali ta' Marki:**

Dan it-Tribunal jinsab spiss affacjat bil-problema tal-allokazzjoni tal-marki fl-interviews. Gieli dawn ma jkunux konformi ma' principji ohra skond il-ligi, l-prattika, ftehim kollettiv jew xi kriterju iehor. Hemm ukoll il-problema meta fil-fehma tat-Tribunal ma jkunux konformi ma' principju ta' logika. Hemm spiss il-problema li jigu allokati wisq marki ghal elementi suggettivi.

It-Tribunal jemmen hafna fil-kriterji oggettivi bhal ma huma snin ta' servizz (seniority) u kwalifiki ghax f'dawn certament ma jistax jkun hemm l-element ta' ingustizzja.

B’daqshekk certament mhux qieghed jinghat li fatturi ohra bhal personalita`, adattabilita` ghax-xoghol in kwistjoni, u esperjenza ma ghandhomx l-importanza taghhom.

Hawn wiehed irid ihares lejn kif gew allokati l-marki f’dan il-kaz u cioe`:

| | |
|---|---|
| Snin ta’ Servizz | 30% |
| Esperjenza | 20% |
| Kwalifiki | 15% |
| Mistoqsija Teknika | 20% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita’ | 5% |

L-ewwel haga li wiehed jinnota hija li l-mistoqsija teknika giet allokata aktar marki mill-kwalifiki. Kif jista’ jkun li Bord jaghti aktar importanza ghar-risposta fuq aspett wiehed mill-kwalifiki in generali. Ta min izid hawnhekk li tnejn mit-tlieta tal-Bord ma kienux teknici u ghalhekk l-evalwazzjoni tar-risposta kienet qedha ssir minn persuna wahda. Ir-risposti kienu jinghataw f’minuta, tnejn f’interview. Dan ma kienx xi ezami skritt. Il-personal files tal-applikanti ma kinux f’idejn il-Bord. Hawn jidhol ukoll aspett iehor u cioe` l-kriterju ta’ kwalifiki u kemm taghti marki ghal kull certifikat, u ta’ liema livell, u jekk hux fuq lingwa jew aspett tekniku. Dan il-Bord ma dahalx fih fir-rapport tieghu.

Aspett iehor hi l-General question inghatat importanza ta’ 2/3 tal-kwalifiki, u d-doppju tal-personalita`. Ma hemmx ghalfejn ta’ hafna kummenti biex wiehed jirrealizza li hawn xi haga stramba.

Experience ghalkemm hi aspett importanti giet moghtija wisq importanza fl-allokazzjoni tal-marki. 20% huwa persentagg gholi u l-element tal-mistoqsija teknika tohrog parti mill-istess esperjenza u b’hekk fil-verita’ gie moghti 40% meta wiehed ihares sewwa lejn dan l-aspett.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghall-ezami ta’ TO II u TO III l-allokazzjoni tal-marki trid tinqasam hekk:

| | |
|---|---|
| Snin ta’ Servizz | 30% |
| Esperjenza | **15**% |
| Kwalifiki | **25**% |

| | |
|---|---|
| Mistoqsija Teknika | **<u>15</u>**% |
| Mistoqsija Generali | 10% |
| Personalita' | 5% |

**Analizi tar-Rizultati:**

Fuq l-aspett tas-**<u>snin ta' servizz</u>** r-rikorrent ghandu jindika l-marki zbaljati jew tieghu jew ta' applikanti ohra. B'hekk biss it-Tribunal ikun jista' jikkonstata jekk hemmx zbalji fl-ghoti tal-marki. Dwar **<u>experience</u>** it-Tribunal ihoss li ghalkemm dan l-aspett mhux necessarjament hu marbut mas-snin ta' servizz ftit jew wisq ghandu jkun korrelat. Izda fost il-marki moghtija jsib li ghal:

30 sena servizz applikant inghata 4, ghal 29 inghata 6, 24 inghata 7; kien hemm min ghal 7 snin ta' servizz inghata 17, u ghal 9 inghata 20 [u dan kien Telecom Technician I u ghalhekk kellu esperjenza gholja meta telgha 5 gradi]. Jew hemm min hu bravu hafna, jew hemm min ma tantx dotat! Inoltre dawn il-marki huma aktar preokkupanti ghax dan il-gudizzju sar fi ftit minuti ghax il-Bord ma kellux il-personal files tal-applikanti maghhom. Dan hu kriterju suggettiv u facli li jigi zbaljat.

Dwar **<u>kwalifiki</u>** 13 minn 52 minn dawk li gabu l-50% ma kellhom xejn kwalifiki; minn dawk li gabu minn 42 sa 49 marki u cioe' 36, 8 biss ma kellhomx kwalifiki. Dwar il-**<u>mistoqsija teknika</u>** ghalkemm it-Tribunal ma hux tekniku u lanqas kien prezenti waqt l-interview biex jiccensura dak li sar, bil-fors ikollu jesprimi li risposta tajba ghadha tohrog minn min ghandu l-kwalifiki u s-snin ta' servizz. Minn ezami tal-marki ghal TO III 7 li ma kellhomx kwalifiki hadu 20 minn 20, 1 ha 19, 3 hadu 17, 1 ha 16. Il-maximum tal-kwalifiki kien 15; fost dawk li ma ghaddewx kien hemm 7 li kellhom 15. Minn dawn is-sebgha 2 gabu 12, 1 gab 10, 1 gab 8, 1 gab 7, u 2 gabu 5 [ u dawn l-ahhar tnejn kellhom 10 snin ta' servizz u kien TO I u l-iehor 12-il sena u kien TO II].

Ghalhekk t-Tribunal ghandu l-obbligu li jekk jigi pruvat li l-marki moghtija huma zbaljati ghandu jvarja dawn il-marki.

Inoltre minn ezami tar-rizultat jirrizulta li l-cut-off mark ghall-promozzjoni ta’ TO III kienet 52%; it-Tribunal ihoss li din trid tigi varjata ghal 50% minhabba li kien hemm min ma kienx haqqu jikkwalifika u fil-fatt sar u ghalhekk ha post ta’ dawk li mhux suppost hadilhom posthom. Il-cut-off tat-TO II kienet 50% u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux xi jvarja.”

**Marki moghtija lir-Rikorrent:**

Dwar Snin ta’ Servizz, il-Bord alloka 30%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta’ 30%; certament li l-marka hija zbaljata ghax ir-rikorrent kien ilu mill-1978 jahdem mat-Telemalta u ghalhekk trid titla ghal 11;
Dwar Esperjenza l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 8; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal dawn isiru 6;
Dwar Kwalifiki l-Bord alloka 15%; ir-rikorrent gab 15; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 25%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal dawn isiru 25;
Dwar Mistoqsija Teknika l-Bord alloka 20%; ir-rikorrent gab 12; it-Tribunal varja l-allokazzjoni tal-marki ghal 15%; bl-allokazzjoni l-gdida tat-Tribunal l-marki jsiru 9;
Dwar Mistoqsija Generali l-Bord alloka 10%; ir-rikorrent gab 5; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta’ 10%; it-Tribunal ihalli l-istess marki ghal 5;
Dwar Personalita’ l-Bord alloka 5%; ir-rikorrent gab 4; it-Tribunal halla l-istess allokazzjoni ta’ 5%; it-Tribunal ihalli l-istess ghal 4;
Dan igib it-Totali ghal TO III ghal 60.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ TO III b’effett mill-istess data li inghatat lit-TO III l-ohra u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

---------------------------------TMIEM---------------------------------